**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Antonello Grech)**

**vs.**

**Victor Camilleri**

Numru: 32/2007

Illum 21 ta' Lulju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Victor Camilleri,** ta' tnejn u sittin (62) sena, bin Joseph u Kate nee' Grech, imwieled Victoria fis-7 ta' Mejju 1945, residenti Emerald, Kercem Road, Victoria u detentur tal-karta tal-identita' numru 39145(G), akkuzat talli f'Ghawdex, f'diversi okkazzjonijiet bejn is-sena elfejn u wiehed (2001) u l-ahhar tas-sena elfejn u tlieta (2003), b'diversi atti maghmulin minnu u maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u li kollha jiksru l-istess dizpozizzjoni tal-ligi;

(1) B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann,

jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew krediti mmaginarji jew sabiex qanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' Gorg u Margaret konjugi Vella fis-somma ta' sebat elef u erba' mitt liri Sterlini (Art308 tal-Kap 9);

(2) Appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghall-persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata f'idejh jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ta' radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat (Art 293 tal-Kap 9);

(3) Bi hsieb ta' qliegh fuq xi karta fdata lilu zied fuq karta li mhux in bjank xi kitba jew klawsola (Art 297 tal-Kap 9);

(4) Iffalsifika cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahn minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew minn stabbiliment pubbliku iehor (167 (1) tal-Kap 9);

(5) Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jw obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew dahhal dawn il-pattijiet dispozizzjonijiet obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-iskritturi wara li kienu gew iffurmati, jew zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellu jkollhom fihom jew kellhom jippruvaw (183 tal-Kap 9);

(6) Xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-akkuza ta' qabel din (184 tal-Kap 9);

(7) Ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz (Art 185 (1) u (2) tal-Kap 9);

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali (Dok. "AG 1") *a fol* 146.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

**Ikkunsidrat**

**<u>Livell ta' prova</u>**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provediment iehor.

**<u>Apprezzament tal-provi fl-assjem</u>**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali, izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il- Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti se tara jekk il-*fattispecie* tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputat.

**Il-fatti specie tal-kaz:**

Il-kwerelanta Margaret Vella u zewgha kienu juzaw is-servizzi tal-imputat sabiex jiehu hsieb l-investimenti finanzjarji taghhom.

Kien allegat li l-imputat iffrodahom u immizaproprija flus ossia titoli li jirraprezentaw flus li kienu tal-konvenuta u zewgha fl-ammont ta' sebat elef u erba' mitt lira sterlina (£7,400) ekwivalenti ghall-ammont ta' erbat elef seba' mija u wiehed liri Maltin u centezmu (Lm4,701.01).

Fl-investigazzjoni rrizulta li dawn il-flus ntefghu f'but l-imputat wara li holoq diversi dokumenti u firem foloz, u raggiri kriminali ohra.

**X'irrizulta mill-atti:**

F'din il-kawza xehdu tliet (3) xhieda biss bil-kwerelanta tixhed tliet darbiet (3) u hadet disa' (9) snin biex marret ghas-sentenza.
Margaret Vella *(a* fol. *45 et seq.),* Dr. Kevin Mompalao *(a* fol. *49 et seq.),* Margaret Vella *(a* fol. *52 et seq.),* is-Supretendent Antonello

Grech *(a* fol. *93 et seq.),* Margaret Vella *(a* fol. *150 et seq.) u* l-imputat Victor Camilleri *(a* fol. *211 et seq.).*

Waqt dawn il-proceduri l-kwerelanta spjegat kif:-

(a) Mis-sena 2001 l-imputat kien jiehu hsieb l-interessi finanzjarji taghhom;
(b) Kellhom investiment man-National Savings Bank of Glasgow fir-Renju Unit sa mis-sena 1980 li fuq medda ta' ghoxrin sena (bl-imghax) awmenta ghas-somma ta' sebat elef u erbgha mitt lira sterlina (£7,400).
(c) Fuq parir tal-imputat kienu baghtu korrispondenza sabiex il-flus depozitati f'dan il-kont jigu trasferiti fl-Abbey National Bank fl-Ingilterra.
(d) Ircevew ic-cekk minghand in-National Savings Bank of Glasgow u l-imputat talab lill-kwerelanta sabiex taghtih lilu biex jibaghtu ghand l-Abbey National Bank fl-Ingilterra biex jinfetah il-kont. Il-kwerelanta hekk ghamlet.
(e) Xi zmien wara kien ghaddielhom ittra datata 10 ta' Ottubru 2002 iffirmat minn certu Steve Greenwood li tghid li fl-flus gew depozitati fl-imsemmi bank.
(f) L-imputat talab lill-kwerelanta u zewgha sabiex jiffirmaw ittra li hejja (datat 26 ta' Ottubru 2002). F'din l-ittra jinghad li l-konjugi Vella kienu rcevew l-ittra datata 10 ta' Ottubru 2002 u *"….therefore I will now be waiting for a Pass Book in the near future"*.
(g) Pero' l-kwerelanta u zewgha baqghu ma rcevewx il-ktieb tal-bank u bdew jinkwetaw. Il-kwerelanta ghalhekk regghet kellmet lill-imputat li rega' kitbilhom ittra datata 29 ta' Marzu 2003 u fiha gharraf lil Abbey National Bank li kienu ghadhom ma rcevewx il-Pass Book. Ittra li fuq l-insistenza tal-kwerelanta baghtitha hi.
(h) It-twegiba inghatat permezz ta' ittra datata 8 ta' Mejju 2003 li biha Abbey National Bank gharraf lill-kwerelanta li *"….I have not been able to trace any accounts for you. Therefore, I would be extremely grateful if you could confirm your account number as soon as possible".*

(i) Wara giet skambjata korrispondenza bejn l-kwerelanta u l-bank li ma tat l-ebda frott u l-kwerelanti baqghu minghajr sodisfazzjon.
(j) Il-kwerelanta ghamlet rapport ghand il-Pulizija permezz ta' kwerela tal-avukat Dr. Kevin Mompalao.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

**<u>Artiklu 308 tal-Kapitlu 9</u>**

Artikolu 308 jitratta frodi b'ghemil qarrieqi.

Illi biex jissussisti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jikkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat u cioé bejn min qieghed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana r-reat u cioé l-uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** moghtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti tal-Appelli Kriminali ghamlet esposizzjoni ferm preciza, studjata u dettaljata ghar-rigward tal-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana r-reat:

> *"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew*

*Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. […]*

*Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 tal-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi […].*

Skont gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti tal-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu tal-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:

a) b'mezzi kontra l-ligi, jew
b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c) ta' kwalifiki foloz jew
d) billi jinqeda b'qerq iehor u
e) ingann jew
f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g) jew ta' hila;
h) setgha fuq haddiehor jew
i) ta' krediti immaginarji jew
j) sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

*[...] Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. […]*

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem ikun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti tal-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede""*.

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** kwotata hawn fuq, il-Qorti tal-Appell Kriminali ccitat lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi:

> *"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Mhuwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita' ta' verita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene".*

L-istess Imhallef Flores kompla jghid li:

*"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti tal-Appell li ccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jissussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fiz-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *"l'elemento del danno patrimoniale"*. Biex imbaghad jissussisti dana t-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu *"I tre momenti di cui si compone il reato e' cioé la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente"* (Cassazione Penale Sez. II 3 Ottobre 2006 n. 34179).

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, cioé **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004:

*"L'agente […] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volontà sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere*

*frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

**<u>Ir-reat tal-Approprjazzjoni Indebita:</u>**

Illi l-approprjazzjoni indebita hija ikkontemplat fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-artikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi dina l-azzjoni kriminali jehtieg il-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa *ex officio* mill-Pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkunsinnjat lill-hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tal-persuna akkuzata.

"Skont gurisprudenza kostanti u anke skont awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat volontarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita', li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l'animo di spostarsi del possesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.

2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe' tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffigurax l-element tal-azzjoni indebita.

3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;

4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu l-haga cioe' japproprja ruhu minnha, jew ibieghha, jew jiddistruggiha *a proprio commodo o vantaggio;*

5. Irid ikun hemm ukoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor" (**Il-Pulizija vs Marbeck Cremona** - Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – 15/02/2007)

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li jsawru dana r-reat.

> *"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku;(sottolinjar tal-Qorti) (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana r-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

*"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio"* (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)[1]

[1] Il-Pulizija vs Francis Camilleri deciza fil-25 ta' Gunju 2001 – Appelli Kriminali Inferjuri

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci** deciza fl-14 ta' Frar 1997, il-Qorti tispjega b'mod semplici l-elementi ta' dana r-reat:

> *"Minn ezami tal-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali tal-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."*

Illi finalment dwar id-dolo mehtieg ghall-kumissjoni ta' dana r-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan r-reat. (***Commento al Codice Italiano UTET (1922)*** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

> *"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta', della conversione con scienza*

*della sua illegittimita'e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Illi mill-esposizzjoni legali tal-elementi mehtiega dwar ir-reat tal-misapproprjazzjoni jidher illi dana r-reat huwa bbazat fuq l-abbuz tal-fiducja li tkun giet fdata lill-agent. Dana l-abbuz jissarraf fil-fatt illi l-agent idawwar oggett li jkun gie fdat lilu ghal ghan specifikat f'uzu differenti minn dak patwit tal-oggett ikkonsenjat, liema uzu divers madanakollu jrid ikun sar b'mod intenzjonali mill-agent bl-ghan li jaghmel profit minnu ghalih innifsu. Dana l-agir min-naha

tieghu ma jridx jammonta ghal semplicement uzu tal-oggett, izda l-agent irid iqis illi dak l-oggett sar proprjeta' tieghu u ghalhekk jaghmel uzu minnu bhala sid tieghu u dana bi profitt ghalih.

**Falsifikazzjoni:**

Illi l-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tal-imputat huma dawk tal-falsifikazzjoni. Illi fir-rigward ta' dana r-reat, il-ligi taghna tikkontempla diversi forom ta' falz f'dokumenti pubblici u skritturi privati. Illi meta wiehed ihares lejn l-akkuzi jirrizulta illi l-imputat huwa akkuzat kemm bl-hekk imsejjah falz materjali kif ukoll bil-falz ideologiku. Illi certament dawna nghataw kollha bhala akkuzi alternattivi u dana peress illi kull disposizzjoni tal-ligi tikkontempla kuncett legali separat ta' modalita' kif jigi kommess il-falz. Kif gie ritenut f'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna fosthom f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Paul Galea**" deciza fis-17 ta' Ottubru 1997:

> *"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara antolisei F. Manuale di Diritto Penali – V.VI n.2296 – 829). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta (Antolisei F. op.cit p594). S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-*

*kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg …"*

Illi dana l-kaz kien jittratta l-holqien ta' dokument falz, ittra datata 10 ta' Ottubru 2002 iffirmat minn certu Steve Greenwood li tghid li fl-flus tal-kwerelanta u zewgha gew depozitati fl-imsemmi bank.

Hawnhekk ghandna kaz klassiku ta' falz materjali, cioe` ta' meta d-dokument ma jkunx wiehed genwin proprju ghax l-awtur apparenti – cioe` "Steve Greenwood" – ma kienx verament l-awtur ta' dak id-dokument.

**Kawza 1/2007AE**

Dan il-kaz kien diga' trattat u deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri mill-Magistrat (illum Imhallef) Dr Anthony Ellul fil-kawza **George u Margaret konjugi Vella vs Victor Camilleri** nhar l-Erbgha, 17 ta' Ottubru 2007, liema sentenza tinsab esebita f'dawn l-atti *a fol.* 200.

Il-Qorti fis-sentenza taghha ta' dakinhar iddikjarat li:

*Mill-provi mhux kontradetti hu evidenti li l-konvenut hu pjenament responsabbli ghall-agir li qieghed jigi attribwit lilu mill-atturi. Dak li ddikjara l-konvenut fis-seduta tas-27 ta' April 2004, cioe' li l-flus li ghaddewlu l-atturi ma kellux jirritornahom mhuwiex veru. L-inkarigu moghti lilu kien sabiex jiftah kont mal-Abbey National.*

*F'dawn il-proceduri l-konvenut ghazel it-triq tas-silenzju u ma ta l-ebda spjegazzjoni ta' x'ghamel u m'ghamilx bil-flus. Il-Qorti temmen li l-konvenut verament dahak bl-atturi u li l-ittra datata*

*10 ta' Ottubru 2002 (fol. 21) hi falza u li l-flus uzahom ghal skop differenti minn dak li qalulu l-atturi.*

*Din l-ittra suppost qieghda taghti avviz lill-atturi li kien infetah f'isimhom kont mal-bank Abbey National ghas-somma fuq imsemmija u hemm indikat numru ta' kont bankarju.*

*Anke mad-daqqa ta' ghajn jidher bic-car li din l-ittra mhijiex miktuba fuq letterhead tal-bank tal-Abbey National (ara ittri ta' Abbey National a fol. 24, 25, 26, u 28). Fir-cirkostanzi l-Qorti tqis li gie sodisfacentement ippruvat mill-atturi li l-konvenut qarraq bihom u li mmizapproprja l-flus li gew moghtija lilu sabiex ghan-nom taghhom jiftah kont mal-bank Abbey National. Certament li l-konvenut kiser il-fudicja li tawh l-atturi sabiex jinvesti l-flus taghhom f'kont fil-bank Abbey National. Minflok hares l-interessi tal-atturi fittex l-interessi personali tieghu u ghamel uzu minn flus ta' haddiehor.*

L-imputat kien ikkundannat ihallas lill-atturi (l-kwerelanta f'din il-kawza u zewgha) erbat elef seba' mija u wiehed liri Maltin u centezmu (Lm4,701.01).

Waqt is-seduta ta' nhar l-Erbgha 1 ta' Gunju 2016 kien dikjarat mill-kwerelanta li l-imputat regolarment baqa' jrodd lura dak dovut lilhom, anke invista tas-sentenza George u Margaret konjugi Vella vs Victor Camilleri izda ma kinitx taf kemm l-imputat hallas u/jew baqghalu jhallas.

Il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-Prosekuzzjoni, l-parte civile u difiza li mhux sewwa li jkollok kawzi li jibqghu imdendlin kif gara f'dan il-kaz biex isir il-hlas dovut.  Bir-rispett kollu lejn kulhadd il-Qorti ghandha minnufih tghaddi ghas-sentenza meta jinghalqu l-provi u jsiru s-sottomissjonijiet finali u mhux tispicca ostagg bejn il-partijiet li juzaw lill-Qorti ghall-iskopijiet ta' mohhhom jew biex ikunu esegwiti decizjonijiet tal-Qrati Civili.

Il-Qorti wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet iddiferiet il-kawza ghal-lum biex tinghata sentenza.

**Xoghol fil-komunita' u hlas lura:**

Din il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-imputat għandu jpatti għal għemilu mhux biss billi jkompli jrodd lura lill-*parte civile* l-valur fi flus li hadilhom b'qerq stante li l-gravita' ta' dak li wettaq jimmerita sentenza ta' prigunerija. Iżda il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi tal-kaz, ikun aktar aħjar għas-socjeta' u l-*parte civile* jekk l-imputat ikompli jhallas lill-vitma il-bilanc kollu tal-flus mehuda b'qerq.

Mill-banda l-oħra huwa meħtieg pero' li l-ħati jifhem kemm huwa ħazin dak li għamel u li għalih issa jrid ihallas lis-socjeta' li huwa offenda bir-reati tieghu billi, jirrendi ruħhu socjalment utli u jaghmel għadd ta' siegħat ta' xogħol lil min hu fil-bzonn mingħajr ma jithallas tiegħu; u fl-istess ħin ma jkunx ta' aktar piz fuq is-socjeta'.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi wara li l-Qorti rat l-Artikoli 308, 293, 297, 167(1), 183, 184 u 185 ma ssibx lill-imputat hati tal-tielet (3), tar-raba' (4), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, u issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u l-hames (5) imputazzjonijiet izda wara li rat ukoll l-Artikoli 2, 11 sa' 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, minflok tagħti piena ta' prigunerija kontra l-imputat, meta ħadet kont ukoll tal-valur tal-flus mehuda b'qerq qiegħda tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' servizz fil-komunita' bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal mitt (100) siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kundizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-ħati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita' kif ukoll tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat ieħor huwa, jista' jinghata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jigu sofferti f'kaz ta' nuqqas ta' adezzjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz fil-komunita' bid-digriet tal-lum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal tal-Probation assenjat lill-ħati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni hawn fuq imsemmi.

A tenur ta' u wara li rat l-Artikoli 532A u l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tordna lill-ħati sabiex ihallas lill-*parte civile* Margaret Vella s-somma ta' erbat elef u erbgha u disghin ewro u hmistax-il centezmu (€4094.15)[2] rapprezentanti d-danni sofferti minħabba r-reat li wettaq il-hati u dan sa mhux aktar tard minn tmintax (18)-il xahar mil-lum.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

[2] Fl-atti rrizulta li tul il-process l-imputat hallas elf tliet mija u tletin ewro (€1330) u ghalhekk dawn tnaqqsu mis-somma dovuta.